# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI KOKOTT

ippreżentati fit-18 ta' Diċembru 2008 [1]

## I — Introduzzjoni

1. Din il-kawża tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 27(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell, tas-27 ta' Settembru 1968, dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (iktar 'il quddiem, il-"Konvenzjoni ta' Brussell") [2]. Is-suġġett tal-kawża prinċipali huwa r-rikonoxximent ta' sentenza Ingliża mogħtija wara li l-konvenut ġie eskluż mill-proċeduri minħabba nuqqas ta' konformità ma' ordni ġudizzjarja. Din il-kawża tagħti l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiżviluppa iktar il-prinċipji tal-ordni pubbliku proċedurali stabbiliti, partikolarment, fis-sentenza Krombach [3].

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32) kif emendata bil-Konvenzjoni tad-9 ta' Ottubru 1978, dwar l-adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, tal-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ĠU L 304, p. 1 u — test emendat — p. 77), bil-Konvenzjoni tal-25 ta' Ottubru 1982, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika (ĠU L 388, p. 1), bil-Konvenzjoni tas-26 ta' Mejju 1989, dwar l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża (ĠU L 285, p. 1) u bil-Konvenzjoni tad-29 ta' Novembru 1996 dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju tal-Isvezja (ĠU 1997, C 15, p. 1). Ara anke l-verżjoni kkonsolidata tas-26 ta' Jannar 1998 (ĠU C 27, p. 1).

3 — Sentenza tat-28 ta' Marzu 2000, Krombach (C-7/98, Ġabra p. I-1935).

## II — Il-kuntest ġuridiku

2. L-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni ta' Brussell jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni, 'sentenza' tfisser kull sentenza mogħtija minn qorti jew tribunal ta' Stat kontraenti, indipendentement minn kif tista' tissejjaħ dik is-sentenza, inklużi digriet, ordni, deċiżjoni jew mandat ta' eżekuzzjoni, kif ukoll id-determinazzjoni tal-ispejjeż minn uffiċjal tal-qorti." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

3. Il-punt 1 tal-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni jipprovdi li sentenza ma tiġix rikonoxxuta "jekk ir-rikonoxximent huwa kuntrarju għall-ordni pubbliku tal-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

## III — Il-fatti li wasslu għall-kawża, it-talba għal deċiżjoni preliminari u l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

4. Il-kawża prinċipali tirrigwarda r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza Ingliża fl-Italja, li Daimler Chrysler Canada Inc. (iktar 'il quddiem, "Daimler Chrysler") u CIBC Mellon Trust Company (iktar 'il quddiem, "CIBC") kisbu fil-konfront ta' M. Gambazzi.

5. Il-proċeduri Ingliżi essenzjalment kienu jikkonċernaw talba għal kumpens tad-danni li Daimler Chrysler u CIBC ressqu kontra M. Gambazzi, ċittadin Svizzeru residenti f'Lugano.

6. Mill-indikazzjonijiet inklużi fit-talba għal deċiżjoni preliminari u mis-sottomissjonijiet tal-partijiet jirriżulta li, b'mod ġenerali, il-proċeduri Ingliżi svolġew kif se jiġi spjegat.

7. Qabel ma bdiet il-kawża prinċipali, il-qorti Ingliża, f'Lulju 1996, ħarġet mandat ta' inibizzjoni provviżorju kontra M. Gambazzi sabiex ma jbigħx l-assi tiegħu [digriet biex jiġu ffriżati l-assi (freezing order), magħruf ukoll bħala Mareva injunction [4]], fuq talba ta' Daimler Chrysler u CIBC. Din il-freezing order kienet tipprojbixxi lil M. Gambazzi milli jbigħ l-assi tiegħu sabiex tkun iggarantita l-eżekuzzjoni ta' sentenza futura.

8. Fis-26 ta' Frar 1997, fuq talba tal-kumpanniji Daimler Chrysler u CIBC, il-qorti Ingliża ħarġet verżjoni ġdida tal-freezing order b'diversi digrieti li bihom M. Gambazzi kien qed jiġi ordnat jagħti informazzjoni dwar is-sitwazzjoni patrimonjali tiegħu u jippreżenta ċerti dokumenti, anki dawk rilevanti għall-finijiet tal-proċeduri prinċipali (disclosure orders).

9. Peress li M. Gambazzi ma kkonformax ruħu, jew għall-inqas mhux għalkollox, mal-obbligi tad-disclosure orders, il-qorti Ingliża ħarġet digriet ieħor (unless order), fuq talba ta' Daimler Chrysler u ta' CIBC. B'din l-ordni informat lil M. Gambazzi li jekk ma kienx se jobdi l-ordnijiet ġudizzjarji, ma kienx se jkun jista' jiddefendi ruħu u li kien se jiġi eskluż mill-proċeduri.

4 — Regola ġuridika tad-dritt proċedurali żviluppata mill-ġurisprudenza, li sadanittant ġiet ikkodifikata mir-Rule 25.1(1)(f) tas-Civil Procedure Rules 1998: "The court may grant the following interim remedies […] (f) an order (referred to as a 'freezing injunction (GL)') — (i) restraining a party from removing from the jurisdiction assets located there; or (ii) restraining a party from dealing with any assets whether located within the jurisdiction or not".

10. Ir-rikorsi kontra l-freezing order, id-disclosure order u l-unless order li għamel M. Gambazzi ma ntlaqgħux.

11. M. Gambazzi lanqas ma kkonforma ruħu għalkollox mal-obbligi imposti fuqu b'unless order ġdid. Il-qorti Ingliża kkunsidrat din l-attitudni bħala "contempt of Court" u eskludiet lil M. Gambazzi mill-proċeduri (debarment), kif kienet, wara kollox, diġà ħabbret li se tagħmel fl-unless order.

12. Fil-kawża prinċipali, għaldaqstant, u wara li seħħew dawn il-fatti, M. Gambazzi ġie kkunsidrat bħala konvenut kontumaċi. Il-High Court of Justice (England & Wales), Chancery Division, ikkundannatu, permezz ta' sentenza mogħtija fil-kontumaċja (default judgment) fl-10 ta' Diċembru 1998, akkumpanjata b'digriet tas-17 ta' Marzu 1999, sabiex iħallas lil Daimler Chrysler u lil CIBC id-danni li huma talbu fir-rikors tagħhom, fl-ammont ta' CAD 169 752 058 u CAD 71 595 530 u USD 129 974 770.

13. Daimler Chrysler u CIBC iridu jeżegwixxu din is-sentenza fl-Italja. Permezz ta' digriet tas-17 ta' Diċembru 2004, il-Corte d'Appello di Milano (il Qorti tal-Appell ta' Milan) iddikjarat li s-sentenza Ingliża u d-digriet tal-kundanna ta' M. Gambazzi għall-ħlas tal-imsemmija ammonti jistgħu jiġu eżegwiti fl-Italja. M. Gambazzi kkontesta dan id-digriet.

14. Permezz ta' digriet tas-27 ta' Ġunju 2007, il-Corte d'Appello di Milano, wara rikors ta' appell, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda li ġejja, sabiex tingħata deċiżjoni preliminari:

"Il-qorti ta' Stat li quddiemha titressaq talba għal eżekuzzjoni tista', abbażi tad-dispożizzjoni dwar l-ordni pubbliku esposta fil-punt 1 tal-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni ta' Brussell, tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-qorti tal-Istat li tat id-deċiżjoni rrifjutat li tagħti, lill-parti li tilfet, il-possibbiltà ta' difiża wara l-adozzjoni ta' digriet ta' esklużjoni (debarment) skont il-kundizzjonijiet esposti iktar 'il fuq, jew l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, moqrija flimkien mal-prinċipji li jirriżultaw mill-Artikoli 26 *et seq.* tal-Konvenzjoni ta' Brussell, dwar ir-rikonoxximent reċiproku u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi fil-Komunità, tipprekludi lill-qorti nazzjonali milli tikkunsidra li kawża ċivili, li matulha waħda mill-partijiet ġiet miċħuda l-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża permezz ta' digriet ta' esklużjoni mogħti mill-qorti minħabba nuqqas ta' konformità minn din il-parti ma' ordni li hija kienet tat, tmur kontra l-ordni pubbliku fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 27 tal-imsemmija Konvenzjoni?"

15. Fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra l-partijiet fil-kawża prinċipali, ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub u

orali l-Gvernijiet tal-Greċja, tal-Italja, tar-Renju Unit kif ukoll il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

## IV — Evalwazzjoni

16. Iż-żewġ domandi preliminari jistgħu jiġu eżaminati flimkien. Huma juru aspetti differenti tal-kwistjoni dwar jekk il-qorti tal-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza, filwaqt li tinvoka l-ordni pubbliku, tistax tiċħad ir-rikonoxximent ta' sentenza ċivili mogħtija wara li l-konvenut ġie eskluż minħabba nuqqas ta' konformità ma' ordni ġudizzarja. Għalhekk, se jiġu eżaminati r-rekwiżiti li jissemmew fl-Artikolu 27(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell.

17. Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Brussell applikabbli f'dan il-każ, sadanittant ġew sostitwiti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [5]. Madankollu, il-kunsiderazzjonijiet imsemmija jibqgħu validi anki rigward is-sitwazzjoni ġuridika ġdida, peress li l-Artikolu 27 (1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell ġie riprodott kompletament fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament Nru 44/2001, li jissostitwih.

5 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol 4, p. 42

18. Minkejja dan, l-ewwel nett, jeħtieġ li tiġi kkjarifikata d-domanda preliminari li għandha l-għan li tistabbilixxi jekk is-sentenza tal-qorti Ingliża, is-suġġett ta' din il-kawża, taqax taħt il-kunċett ta' sentenza pprovdut mill-Konvenzjoni ta' Brussell. Jekk, fil-fatt, is-sentenza essenzjalment ma taqax taħt il-kunċett ta' sentenza skont l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni li, bħala regola, għandu jiġi rikonoxxut skont l-Artikolu 26 tal-istess Konvenzjoni, ma tqumx il-kwistjoni ta' rifjut eċċezzjonali tar-rikonoxximent tagħha fid-dawl tar-riżervi pprovduti mill-Artikolu 27.

19. Minkejja li l-qorti tar-rinviju ma talbitx, b'mod espliċitu, li tingħata interpretazzjoni tal-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni, skont l-Artikolu 234 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, hi mitluba tagħti risposta utli għad-domanda preliminari li saret mill-qorti tar-rinviju [6]. F'dan il-każ, risposta utli ma tistax tipprekludi l-istħarriġ ta' din il-kunsiderazzjoni preliminari.

### A — *Sentenza skont l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni ta' Brussell*

20. Skont l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni, sentenza tfisser kull sentenza mogħtija minn qorti jew tribunal ta' Stat Kontraenti, indi-

6 — Ara wkoll is-sentenzi tat-28 ta' Novembru 2000, Roquette Frères (C-88/99, Ġabra p. I-10465, punt 18); tal-20 ta' Mejju 2003, Ravil (C-469/00, Ġabra p. I-5053, punt 27); tal-4 ta' Mejju 2006, Haug (C-286/05, Ġabra p. I-4121, punt 17); tal-4 ta' Ottubru 2007, Rampion u Godard (C-429/05, Ġabra p. I-8017, punt 27); u tat-13 ta' Marzu 2008, Vereniging Nationaal Overlegorgaan Sociale Werkvoorziening (C-383/06 sa C-385/06, Ġabra p. I-1561, punt 42).

pendentement minn kif tista' tissejjaħ dik is-sentenza, inklużi digriet, ordni, deċiżjoni jew mandat ta' eżekuzzjoni, kif ukoll id-determinazzjoni tal-ispejjeż minn uffiċjal tal-qorti.

21. M. Gambazzi jemmen li s-sentenza tal-Qorti Ingliża ma taqax taħt dan il-kunċett ta' sentenza anki minħabba l-fatt li ngħatat, minħabba sitwazzjoni ta' kontumaċja forzata, mingħajr proċedura kontradittorja.

22. Madankollu, din l-oġġezzjoni hija infondata. Fir-rigward tal-miżuri provviżorji, fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet li l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni jimponi proċedura kontradittorja. Hija madankollu tqis li huwa biżżejjed li l-proċeduri qabel is-sentenza jkollhom natura kontradittorja u li jippreżumu, bħala regola, sentenza li tosserva l-prinċipju tal-kontradittorju wkoll[7]. Jekk is-sentenza ngħatat fi proċeduri li jsegwu l-prinċipju tal-kontradittorju, din taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni, anki jekk f'dan il-każ il-proċeduri, pereżempju minħabba l-kontumaċja ta' waħda mill-partijiet, jibqgħu unilaterali. Fil-fatt, il-mod kif verament saru l-proċeduri ma jibdel xejn min-natura kontradittorja tal-proċeduri.

23. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jidher ċar li s-sentenzi mogħtija f'kontumaċja huma sentenzi, mija fil-mija, skont l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni, peress li jirriżultaw minn proċeduri li josservaw il-prinċipju tal-kontradittorju. Li l-Konvenzjoni ta' Brussell tikkunsidra lis-sentenzi mogħtija fil-kontumaċja bħala sentenzi skont l-Artikolu 25 jirriżulta anki mir-regola speċjali talArtikolu 27(2) li tipprovdi raġuni speċjali għar-rifjut tar-rikonoxximent tas-sentenzi mogħtija f'kontumaċja.

24. Is-sentenza kkontestata tal-qorti Ingliża ngħatat f'kontumaċja waqt proċeduri ċivili li essenzjalment osservaw il-prinċipju tal-kontradittorju. U bħala tali tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni. Il-fatt li l-każ huwa wieħed atipiku ta' kontumaċja forzata, ma jfissirx li għandu jiġi kklassifikat mill-ġdid, peress li dan ma jbiddilx in-natura essenzjalment kontradittorja tal-proċeduri. Il-fatt li f'dawn il-proċeduri l-kontumaċja hija forzata huwa rilevanti biss fil-kuntest tal-punt 1 tal-Artikolu 27.

25. Madankollu, hemm raġuni oħra li tista' tixħet dubji fuq il-fatt li s-sentenza kkontestata tikkwalifika bħala sentenza skont l-

7 — Sentenza tal-21 ta' Mejju 1980, Denilauler (125/79, Ġabra p. 1553, punt 13).

Artikolu 25 tal-Konvenzjoni. Hemm pożizzjonijiet duttrinali li jeskludu, bħala regola, din il-possibbiltà b'riferiment għal sentenza fil-kontumaċja Ingliża (default judgment)[8]. Skont dawn il-pożizzjonijiet, f'każ ta' default judgement, is-sentenza tingħata mingħajr ebda verifika ġudizzjarja tal-*fumus boni iuris*. Però, ikun meħtieġ stħarriġ ġudizzjarju ta' dan tal-aħħar sabiex ikun hemm sentenza skont l-Artikolu 25. Din it-teżi hija bbażata fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Solo Kleinmotoren[9].

26. Fil-fehma tiegħi, is-sentenza Solo Kleinmotoren ma twassalx għal din il-konklużjoni. Fiha, il-Qorti tal-Ġustizzja ssemmi bħala rekwiżiti ta' sentenza skont il-Konvenzjoni, il-fatt li din is-sentenza tingħata minn qorti jew tribunal ta' Stat Kontraenti u "li tiddeċiedi hija stess fuq il-punti kontestati bejn il-partijiet" [10] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Dan ir-rekwiżit ma jiġix sodisfatt fil-każ ta' sempliċi tranżazzjoni ġudizzjarja, peress li essenzjalment din għandha n-natura ta' kuntratt u għalhekk hija l-espressjoni tar-rieda tal-partijiet u mhux tal-qorti.

27. Min-naħa l-oħra, sentenza li ngħatat fil-kontumaċja, li l-qorti tagħti mingħajr ma tistħarreġ preċedentement il-fondatezza tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, titqies bħala sentenza. Il-fatt li l-kontenut tas-sentenza, bħala konsegwenza ġuridika tal-kontumaċja, kien iddeterminat mit-talbiet tar-rikorrenti ma jwassalx biex is-sentenza fil-kontumaċja tidher bħala sempliċi traskrizzjoni tar-rieda ta' parti. Anzi, il-kontenut tas-sentenza jiddependi mir-rieda tal-qorti, peress li din tal-aħħar, minkejja li ma tivverifikax l-eżistenza tal-*fumus boni iuris* f'każ li jkun hemm ir-rekwiżiti ta' sentenza fil-kontumaċja, madankollu, meta tivverifika l-eżistenza ta' dawn ir-rekwiżiti, tiddeċiedi b'mod awtonomu jekk tirrikonoxxix jew le b'dan il-mod it-talba tar-rikorrenti.

28. Barra minn hekk, il-ħtieġa li tingħata interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' sentenza hija enfasizzata mill-istess diċitura tal-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni, fejn jingħad li sentenza tfisser "kull sentenza mogħtija minn qorti jew tribunal ta' Stat Kontraenti, indipendentement minn kif tista' tissejjaħ dik is-sentenza". Jidher ċar, għalhekk, li l-Artikolu 25, iktar milli jagħti importanza lill-aspett formali tas-sentenza, pereżempju, il-mod kif tissejjaħ jew kif tiġi adottata, iqis sempliċement l-effett materjali tagħha. In-nuqqas ta' verifika tal-*fumus boni iuris* għall-finijiet tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni skont il-Konvenzjoni huwa iktar rilevanti u għandu iktar sens fil-kuntest tal-istħarriġ tar-rifjut eċċezzjonali tar-rikonoxximent skont l-Artikolu 27.

8 — Ara P. Wautelet, f'U. Magnus / P. Mankowski, *Brussels I Regulation*, Munich 2007, il-punt 8 tal-Artikolu 32, b'referenza għal G. Cuniberti, Commentaire sur la décision de la Cour de Cassation du 17 novembre 1999, *Revue critique de droit international privé*, 1989 (2000), p. 786, p. 788 *et seq.*; għall-pożizzjoni kuntrarja ara, A. Layton / H. Mercer (General Editors), *European Civil Practice*, it-tieni edizzjoni, Londra 2004, volum 1, punt 25.005.

9 — Sentenza tat-2 ta' Ġunju 1994, Solo Kleinmotoren (C-414/92, Ġabra p. I-2237).

10 — Sentenza Solo Kleinmotoren (iċċitata iktar 'il fuq, punt 17).

29. Fuq il-bażi ta' dawn il-premessi, taqa' taħt il-kunċett ta' sentenza skont l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni anki sentenza mogħtija fil-kontumaċja u li qabel ma ngħatat ma kienx hemm stħarriġ tal-*fumus boni iuris*. Barra minn hekk, tali sentenza jkollha l-istess effetti materjali li ġeneralment ikollha sentenza: ikollha effett ta' *res judicata* u tikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

30. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jeħtieġ li s-sentenza li hija s-suġġett ta' din il-kawża titqies bħala sentenza skont l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni ta' Brussell.

B — *L-ordni pubbliku, l-Artikolu 27(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell*

1. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 27(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell

31. L-Artikolu 27(1) tal-Konvenzjoni jistabbilixxi li s-sentenzi ma għandhomx jiġu rikonoxxuti jekk ir-rikonoxximent imur kontra l-ordni pubbliku tal-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza.

32. Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat f'diversi sentenzi l-elementi prinċipali għall-interpretazzjoni tar-riżerva tal-ordni pubbliku skont l-Artikolu 27(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell.

33. Għall-finijiet tal-interpretazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis l-għanijiet u l-ispirtu tal-Konvenzjoni. B'hekk tkun qed tiffaċilita, sakemm ikun possibbli, il-moviment liberu tas-sentenzi, billi tipprovdi proċedura ta' infurzar sempliċi u rapida [11]. L-Artikolu 27, minħabba li huwa ostakolu biex jintlaħaq dan l-għan fundamentali tal-Konvenzjoni, għaldaqstant, għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv [12]. B'mod partikolari, il-klawżola tal-ordni pubbliku msemmija fl-Artikolu 27(1) tal-Konvenzjoni għandha tiġi applikata biss f'każi eċċezzjonali [13].

34. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li, filwaqt li l-Istati kontraenti, bħala regola, jibqgħu liberi, bis-saħħa tar-riżerva fl-Artikolu 27(1) tal-Konvenzjoni, li jiddeterminaw, skont il-kunċetti nazzjonali tagħhom, l-eżiġenzi tal-ordni pubbliku, il-limiti ta' dan il-kunċett jaqgħu taħt l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni [14]. Għaldaqstant, filwaqt li mhijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddefinixxi l-kontenut tal-ordni pubbliku ta' Stat kontraenti, madankollu hija għandha tikkontrolla l-limiti li fihom il-qorti ta' Stat kontraenti tista' tuża dan il-kunċett sabiex ma tirrikonoxxix sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat kontraenti ieħor [15].

11 — Ara, fost l-oħrajn, is-sentenzi Solo Kleinmotoren, iċċitata iktar 'il fuq, punt 20; tad-29 ta' April 1999, Coursier (C-267/97, Ġabra p. I-2543, punt 25); u Krombach, iċċitata iktar 'il fuq, punt 19.

12 — Ara s-sentenzi Solo Kleinmotoren, iċċitata iktar 'il fuq, punt 20; Krombach, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21, u tal-11 ta' Mejju 2000, Renault (C-38/98, Ġabra p. I-2973, punt 26).

13 — Ara s-sentenzi tal-4 ta' Frar 1988, Hoffmann (145/86, Ġabra p. 645, punt 21); tal-10 ta' Ottubru 1996, Hendrikman u Feyen (C-78/95, Ġabra p. I-4943, punt 23); Krombach, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21, u Renault, iċċitata iktar 'il fuq, punt 26.

14 — Sentenzi Krombach, iċċitata iktar 'il fuq, punt 22, u Renault, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27.

15 — Sentenzi Krombach, iċċitata iktar 'il fuq, punt 23, u Renault, iċċitata iktar 'il fuq, punt 28.

35. L-ewwel limitu huwa ddefinit fl-Artikolu 29 u fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni, li jipprojbixxu lill-qorti tal-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza milli tirrifjuta li tirrikonoxxi jew teżegwixxi din is-sentenza unikament minħabba li tkun teżisti differenza bejn ir-regola tad-dritt applikata mill-qorti tal-Istat ta' oriġini u dik li kienet tiġi applikata mill-qorti tal-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza kieku ġiet adita bil-kawża. Bl-istess mod, il-qorti tal-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza ma tistax tivverifika l-eżattezza tal-evalwazzjonijiet ta' dritt u ta' fatt li jkunu saru mill-qorti tal-Istat ta' oriġini.

36. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja llimitat l-użu tar-riżerva tal-ordni pubbliku, jiġifieri li l-użu ta' din ir-riżerva jista' jsir biss fil-każ fejn ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fi Stat kontraenti ieħor, b'mod inaċċettabbli, tmur kontra s-sistema legali tal-Istat fejn qed tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza, inkwantu tikser prinċipju fundamentali [16].

37. Biex tkun osservata l-projbizzjoni tar-reviżjoni dwar il-mertu tas-sentenza ta' qorti barranija, il-ħsara għandha tkun ksur manifest ta' regola tad-dritt meqjusa bħala essenzjali fis-sistema legali tal-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza jew ta' dritt rikonoxxut bħala fundamentali fl-istess sistema ġuridika [17].

38. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Krombach jirriżulta, fl-aħħar nett, li l-limiti li fihom l-Istat fejn qed tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza jista' jinvoka l-ordni pubbliku ma jiġux, fi kwalunkwe każ, superati jekk ikun hemm ksur manifest ta' dritt fundamentali Komunitarju [18].

39. Skont ġurisprudenza stabbilita, id-drittijiet fundamentali jifformaw parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt li l-osservanza tagħhom hija żgurata mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja tispira ruħha mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri kif ukoll mill-indikazzjonijiet mogħtija mill-istrumenti internazzjonali li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u li l-Istati Membri kkooperaw fihom jew aderixxew magħhom. F'dan ir-rigward, il-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertaijiet fundamentali (KEDB), iffirmata

16 — Sentenzi Krombach, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37, u Renault, iċċitata iktar 'il fuq, punt 30.

17 — Sentenzi Krombach, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37, u Renault, iċċitata iktar 'il fuq, punt 30. Ir-rekwiżit li d-dannu jkun manifest jinsab ukoll fid-diċitura tar-Regolament Nru 44/2001 (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5), li fl-Artikolu 34(1)_jipprovdi li sentenza ma tiġix rikonoxxuta jekk "dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika ta' l-Istat Membru li fih ġie mfittex ir-rikonoxximent". Ara wkoll, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000, tad-29 ta' Mejju 2000, dwar proċedimenti ta' falliment (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 191), is-sentenza tat-2 ta' Mejju 2006, Eurofood IFSC (C-341/04, Ġabra p. I-3813, punt 63).

18 — Sentenzi Krombach, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40, u Eurofood, iċċitata iktar 'il fuq, punti 65 *et seq.*

f'Ruma, fl-4 ta' Novembru 1950, għandha sinjifikat partikolari [19].

40. Peress li d-drittijiet fundamentali jifformaw parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, qorti għandha s-setgħa li tirrifjuta r-rikonoxximent ta' kwalunkwe sentenza adottata bi ksur ċar tal-istess drittijiet fundamentali.

41. Id-dritt għal smigħ xieraq, stabbilit mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB u affermat mill-ġdid mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ipproklamata f'Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000 [20], huwa dritt fundamentali li huwa parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju [21].

42. Fir-rigward b'mod partikolari tal-ordni pubbliku proċedurali, fis-sentenza Krombach, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet li l-użu tal-klawżola tal-ordni pubbliku għandu jkun permess f'każi eċċezzjonali fejn il-garanziji pprovduti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat tal-oriġini u mill-istess Konvenzjoni ma kinux biżżejjed biex jipproteġu lill-konvenut minn ksur manifest tad-dritt tiegħu li jiddefendi ruħu quddiem il-qorti tal-oriġini, kif stabbilit mill-KEDB [22].

43. Il-kwistjoni dwar jekk il-qrati għandhomx mhux biss is-setgħa imma saħansitra l-obbligu li jirrifjutaw ir-rikonoxximent ta' sentenza ta' qorti barranija mogħtija bi ksur ċar tad-drittijiet fundamentali għadha ma ġietx iċċarata għalkollox [23]. Obbligu f'dan is-sens huwa ssuġġerit bil-fatt li l-qrati nazzjonali, skont ġurisprudenza stabbilita, huma marbuta bid-drittijiet fundamentali Komunitarji meta s-sitwazzjoni nazzjonali kkonċernata fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju [24].

44. Fir-rigward tal-Konvenzjoni ta' Brussell — fil-konfront tar-Regolament Nru 44/2001

19 — Ara s-sentenzi tat-12 ta' Novembru 1969, Stauder (29/69, Ġabra 1969 p. 419, punt 7), tas-6 ta' Marzu 2001, Connolly vs Il-Kummissjoni (C-274/99 P, Ġabra p. I-1611, punt 37), tal-14 ta' Diċembru 2006, ASML (C-283/05, Ġabra p. I-12041, punt 26). tas-26 ta' Ġunju 2007, Ordre des barreaux francophones et germanophone *et* (C-305/05, Ġabra p. I-5305, punt-29) u tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P, Ġabra p. I-6351, punt 283).

20 — ĠU C 364, p. 1. kif emendat bil-proklamazzjoni tat-12 ta' Diċembru 2007 (ĠU C 303, p. 1). Minkejja li din, bħala tali, għad ma għandhiex effetti ġuridiċi vinkolanti li jistgħu jitqabblu ma' dawk tad-dritt primarju, għall-inqas bħala riferiment ġuridiku, tipprovdi indikazzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali ggarantiti mis-sistema ġuridika Komunitarja; f'dan ir-rigward, ara wkoll is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill ("Riunifikazzjoni tal-familja", C-540/03, Ġabra p. I-5769, punt 38) u l-punt-108 tal-konklużjonijiet tiegħi tat-8 ta' Settembru 2005 f'dik il-kawża, kif ukoll is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet (C-432/05, Ġabra p. I-2271, punt 37), u Kadi vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq, punt 335).

21 — Sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni (C-185/95 P, Ġabra p. I-8417, punti 20 *et seq.*); tal-11 ta' Jannar 2000, Il-Pajjiżi l-Baxxi u van der Wal vs Il-Kummissjoni (C-174/98 P u C-189/98 P, Ġabra p. I-1, punt 17); Krombach, iċċitata iktar 'il fuq, punt 26; Ordre des barreaux francophones et germanophones *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29, u tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost vs UFEX *et* (C-341/06 P, Ġabra p. I-4777, punt 44).

22 — Sentenza Krombach, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44); ara wkoll is-sentenza Eurofood, iċċitata iktar 'il fuq, fil-kuntest tar-regolament dwar proċedimenti ta' falliment.

23 — F'dan ir-rigward, ara l-konklużjonijiet tiegħi mogħtija llum fil-kawża Apostolidis (C-420/07, Ġabra p. I-3571, punt 108).

24 — Sentenzi tal-25 ta' Novembru 1986, Klensch *et* (201/85 u 202/85, Ġabra p. 3477, punti 8 sa 10); tat-13 ta' Lulju 1989, Wachauf (5/88, Ġabra p. 2609, punt 19); tat-18 ta' Ġunju 1991, ERT (C-260/89, Ġabra p. I-2925, punti 42 *et seq.*); tat-12 ta' Ġunju 2003, Schmidberger (C-112/00, Ġabra p. I-5659, punt 75); u tal-11 ta' Lulju 2006, Chacón Navas (C-13/05, Ġabra p. I-6467, punt 56). F'dan ir-rigward, fost oħrajn, ara wkoll E. Jayme u C. Kohler, "Europäisches Kollisionsrecht 2000: Interlokales Privatrecht oder universelles Gemeinschaftsrecht?", *Praxis des Internationalen Privat- u Verfahrensrechts — IPRax,* 2000, p. 454, p. 460.

— tista' tinqala' kwistjoni oħra dwar jekk din tistax titqies bħala dritt Komunitarju skont din il-ġurisprudenza. Il-fatt li l-Konvenzjoni ġiet konkluża fuq il-bażi tal-Artikolu 220 tat-Trattat KE (li sussegwentement sar l-Artikolu 293 KE) jissuġġerixxi dan.

2. Konklużjonijiet parzjali

45. Minn issa jista' jiġi ddikjarat, bħala konklużjonijiet parzjali, li l-qorti tar-rinviju tista' tirrifjuta, fi kwalunkwe każ, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza billi tinvoka l-ordni pubbliku jekk il-proċeduri quddiem il-qorti tal-Istat tal-oriġini kienu vvizzjati minn ksur manifest tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq.

3. L-applikazzjoni għall-każ preżenti

46. Fil-kawża Krombach, il-Qorti tal-Ġustizzja stess setgħet tikkonstata li l-proċeduri quddiem il-qorti tal-Istat tal-oriġini kienu qed jiksru b'mod ċar id-dritt għal smigħ xieraq [25]. F'dak il-każ, dik kienet azzjoni ċivili li saret fl-ambitu ta' proċedura kriminali. Il-qorti kienet ċaħdet lill-konvenut id-dritt li jkun difiż minn avukat, peress li l-konvenut ma obdiex digriet sabiex jidher personalment quddiem il-qorti. Madankollu, li kieku l-konvenut, obda d-digriet sabiex jidher personalment, kien jirriskja li jiġi arrestat minħabba reat. L-elementi ta' fatt u ta' dritt li rriżultaw fil-kawża Krombach kienu ċari u mingħajr ambigwità. Il-konvenut qatt ma nstema', qatt ma kellu l-possibbiltà li jiddefendi ruħu u ma kellu l-ebda rimedju ġudizzjarju għad-dispożizzjoni tiegħu.

47. Min-naħa l-oħra, f'dan il-każ, il-proċeduri quddiem il-qorti tal-Istat tal-oriġini kienu ferm ikkumplikati. Il-konvenut instema' kemm-il darba waqt id-diversi fażijiet tal-proċeduri u, milli jidher, kien hemm diversi rimedji għad-dispożizzjoni tiegħu. Barra minn hekk, id-diversi miżuri provviżorji (freezing order, disclosure orders, unless orders) kienu marbuta mill-qrib mal-kawża prinċipali u, b'hekk, mas-sentenza mogħtija fil-kontumaċja (default judgment). Il-funzjoni tagħhom kienet essenzjalment dik li jiggarantixxu l-eżekuzzjoni tas-sentenza f'każ li r-rikorrenti jirbħu l-kawża. Għaldaqstant, mhuwiex biżżejjed li s-sentenza mogħtija fil-kontumaċja titqies għaliha waħidha, mingħajr ma jiġu inklużi l-fażijiet preċedenti tal-proċeduri fl-istħarriġ tal-ordni pubbliku. Anzi, jeħtieġ li jitqiesu l-proċeduri fit-totalità tagħhom [26] u li l-kwistjoni tiġi evalwata billi jiġu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi kollha applikabbli [27].

25 — Sentenza Krombach (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 40).

26 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tirreferi, hija wkoll, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB, għall-proċedura kkunsidrata fl-intier tagħha, ara, esklussivament is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Mantovanelli vs France tat-18 ta' Marzu 1997, (Reports of Judgements and Decisions 1997-II, punt 34).

27 — Sentenza Eurofood, iċċitata iktar 'il fuq, punt 68).

48. Madankollu, it-talba għal deċiżjoni preliminari ma tiddeskrivix biżżejjed aspetti importanti tal-proċeduri li saru quddiem il-qorti tal-Istat tal-oriġini. Pereżempju, ma ġewx iċċarati għalkollox l-għan u l-portata tas-seduti li saru. B'mod partikolari, mhux ċar jekk M. Gambazzi instemax ukoll dwar it-talba fil-kawża prinċipali. Fid-deċiżjoni tar-rinviju lanqas ma ġie indikat jekk qabel ma ġiet adottata l-freezing order, il-qorti vverifikatx jekk kienx hemm *fumus iuris* fit-talba prinċipali u jekk fil-fażijiet sussegwenti tal-proċeduri, u b'mod speċjali qabel ma ngħatat is-sentenza fil-kawża prinċipali, din il-verifika reġgħetx saret. Għaldaqstant, għandha tkun il-qorti tar-rinviju li teżamina l-fatti u tagħti sentenza definittiva dwar l-eżistenza eventwali ta' ksur manifest tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq.

49. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tipprovdi lill-qorti nazzjonali b'ċerti prinċipji u kriterji li għandhom jitqiesu għall-finijiet tal-eżami li għandu jsir. Qabel ma nidħol fil-mertu ta' dan, però, jeħtieġ li tiġi eżaminata oġġezzjoni oħra li tqajmet mill-partijiet fil-kawża prinċipali.

a) Ir-rilevanza tal-ġurisprudenza marbuta mal-Konvenzjoni ta' Lugano

50. Fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-partijiet fil-kawża prinċipali rreferew għal sentenza tal-Qorti Federali Svizzera [28]. Din is-sentenza kienet tikkonċerna l-kwistjoni tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni tal-istess sentenza Ingliża fl-Isvizzera.

51. Waqt il-proċeduri bil-miktub, M. Gambazzi enfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tqis il-fatt li l-imsemmija sentenza kienet iddeskriviet is-sentenza Ingliża bħala li tmur kontra l-ordni pubbliku, skont il-punt 1 tal-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, iffirmata f'Lugano fis-16 ta' Settembru 1988 [29].

52. Daimler Chrysler u CIBS invokaw l-istess sentenza, fejn sostnew li l-Qorti tal-Ġustizzja u l-qorti tar-rinviju huma marbuta bil-fatt li l-Qorti Federali Svizzera ma qisitx li s-sentenza mogħtija mill-qorti Ingliża kienet tmur kontra l-ordni pubbliku minħabba l-esklużjoni mill-proċeduri.

53. Il-Konvenzjoni ta' Lugano għandha l-għan li tapplika sistema li, b'xi eċċezzjoni, hija kważi l-istess bħal dik stabbilita mill-

28 — Sentenza tal-Qorti Federali Svizzera, tad-9 ta' Novembru 2004, fil-kawża 4P.82/2004, X. u Y. vs A., ippubblikata bit-Taljan fil-website tal-Qorti Federali Svizzera, http://www.bger.ch/index/juridiction/jurisdiction-inherit-template/jurisdiction-recht/jurisdiction-recht-urteile2000.htm, ikkonsultat l-aħħar fil-5 ta' Novembru 2008.

29 — ĠU L 319, p. 9 (iktar 'il quddiem, il-"Konvenzjoni ta' Lugano").

Konvenzjoni ta' Brussell[30]. Id-diċitura tar-riżerva tal-ordni pubbliku skont l-Artikolu 27 (1) tal-Konvenzjoni ta' Lugano hija l-istess bħal dik tal-Artikolu 27(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell.

54. Fis-sentenza msemmija, il-Qorti Federali Svizzera effettivament ikkonkludiet li r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenza Ingliża għandhom jitqiesu bħala li jmorru kontra l-ordni pubbliku. Madankollu, hija bbażat ir-raġunament tagħha fuq premessa differenti minn dik li abbażi tagħha saret id-domanda tal-qorti tar-rinviju. Rigward l-esklużjoni ta' M. Gambazzi mill-proċeduri Ingliżi (debarment), il-Qorti Federali Svizzera kkonkludiet li dan mhux kontra l-ordni pubbliku Svizzeru. L-imsemmija qorti, min-naħa l-oħra, fl-aħħar mill-aħħar sabet ksur tal-ordni pubbliku f'aspett ieħor tal-proċeduri, li seħħ qabel l-esklużjoni mill-proċeduri. Fil-fatt, wara li M. Gambazzi kien appunta avukati ġodda, l-avukati li kellu qabel ċaħħdulu l-aċċess għall-fajl tiegħu sakemm iħallas il-kont u anki l-qorti Ingliża, biex ma tippreġudikax id-dritt ta' ritenzjoni tal-avukati, ċaħħditu mid-dritt li jeżamina l-atti tal-kawża.

55. Tqum il-kwistjoni dwar x'inhi l-portata u r-rilevanza tas-sentenza tal-Qorti Federali Svizzera għal din it-talba għal deċiżjoni preliminari. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex kompetenza li tinterpreta l-Konvenzjoni ta' Lugano[31]. Madankollu, il-Protokoll Nru. 2 dwar l-interpretazzjoni uniformi tal-Konvenzjoni, stabbilixxa sistema ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' sentenzi ġudizzjarji mogħtija b'applikazzjoni ta' din il-konvenzjoni u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, bħall-Istati li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea, iffirmaw dikjarazzjonijiet biex jiżguraw interpretazzjoni uniformi sa fejn hu possibbli ta' din il-konvenzjoni u tad-dispożizzjonijiet ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet tagħha fil-Konvenzjoni ta' Brussell[32].

56. F'waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej "iddikjaraw li jqisu li huwa xieraq li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, meta tinterpreta l-Konvenzjoni ta' Brussell, tqis b'mod xieraq il-prinċipji inklużi fil-ġurisprudenza li tirriżulta mill-Konvenzjoni ta' Lugano" [33] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

57. L-imsemmija dikjarazzjoni, madankollu, ma tippermettix li jiġi konkluż li l-Qorti tal-Ġustizzja hija formalment marbuta mas-sentenzi individwali mogħtija skont il-Konvenzjoni ta' Lugano. Fl-aħħar mill-aħħar, l-istess diċitura tad-dikjarazzjoni tirreferi biss għall-fatt li l-"prinċipji" inklużi fil-ġurisprudenza għandhom "[jitqiesu] b'mod xieraq". B'hekk, fil-kuntest tar-riżerva tal-ordni pubbliku, dan ifisser li jeħtieġ li tittieħed nota ta' u jitqiesu b'mod xieraq il-prinċipji tad-dispożizzjoni u tal-limiti għall-ordni pubbliku

30 — Opinjoni 1/03, tas-7 ta' Frar 2006 (Ġabra p. I-1145, punt 18).

31 — Opinjoni 1/03, iċċitata iktar 'il fuq, punt 19.

32 — Opinjoni 1/03, iċċitata iktar 'il fuq, punt 19.

33 — Il-Konvenzjoni hija akkumpanjata minn dikjarazzjoni oħra li tipprovdi għal obbligu simmetriku tal-qrati jew tat-tribunali tal-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Liberu.

nazzjonali. Bosta mill-kriterji msemmija iktar 'il fuq li għandhom jitqiesu biex ikun iddeterminat il-ksur tal-ordni pubbliku jinstabu anke fis-sentenza tal-Qorti Federali Svizzera.

58. Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qorti tar-rinviju, madankollu, ma jistgħux ikunu marbuta bl-evalwazzjoni konkreta tal-ksur tal-ordni pubbliku li saret minn qorti jew tribunal ta' Stat kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Lugano. Fost l-oħrajn, dan jirriżulta mill-fatt li, kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja, ordni pubbliku skont l-Artikolu 27(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell, ifisser l-ordni pubbliku *nazzjonali* rispettiv. Dan tal-aħħar għandu jiġi evalwat b'mod awtonomu mill-qorti nazzjonali individwali, kif ġustament enfasizza l-Gvern Taljan. Għandhom jitqiesu biss il-prinċipji ġenerali li ġew żviluppati mill-qrati jew tribunali tal-Istati kontraenti rigward l-interpretazzjoni tal-ordni pubbliku fl-ambitu tal-Konvenzjoni ta' Lugano u mhux id-diversi kwalifiki li għamlu każ b'każ rigward il-ksur ta' jew il-konformità mal-ordni pubbliku ta' każ partikolari.

b) Id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq

59. Id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq jitlob li l-parti kkonċernata tista' tipproteġi s-sitwazzjoni legali tagħha b'mod effettiv [34]. Id-dritt għal smigħ waqt proċeduri ġudizzjarji għandu post prominenti fl-organizzazzjoni u fit-twettiq ta' smigħ xieraq [35]. Huwa jinkludi d-dritt li parti tkun tista' titkellem biżżejjed dwar l-elementi kollha ta' fatt u l-kwistjonijiet tad-dritt rilevanti, kif ukoll tressaq il-provi.

60. Mhux ir-restrizzjonijiet kollha tad-dritt għal smigħ madankollu għandhom jiġu ddefiniti inevitabbilment bħala ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq. Kif osservat il-Qorti tal-Ġustizzja f'kuntest ieħor, id-drittijiet tad-difiża jistgħu jkunu suġġetti għal restrizzjonijiet, sakemm dawn jirrispondu effettivament għall-għanijiet ta' interess ġenerali tal-miżura kkonċernata u, rigward l-għan mixtieq, ma jkunux sproporzjonati u inaċċettabli, b'tali mod li jiksru s-sustanza stess tad-drittijiet hekk iggarantiti [36].

61. Bis-sentenza mogħtija fil-kawża Eurofood, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet li, firrigward ta' miżuri meħuda f'każ ta' urġenza, il-kundizzjonijiet konkreti tad-dritt għal smigħ jistgħu jvarjaw skont l-urġenza li jista' jkun hemm biex tingħata sentenza. Kull restrizzjoni għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt, madankollu, għandha tkun iġġustifikata b'mod adegwat u akkumpanjata minn garanziji proċedurali li jiżguraw lill-persuni kkonċernati minn din il-proċedura, il-possibbiltà effettiva li jikkontestaw il-miżuri meħuda f'każ ta' urġenza [37].

34 — Ara s-sentenzi ASML (iċċitata iktar 'il fuq, punt 26), u tat-8 ta' Mejju 2008, Weiss und Partner (C-14/07, Ġabra, p. I-3367).

35 — Sentenza Eurofood, iċċitata iktar 'il fuq, punt 66.

36 — Sentenza tal-15 ta' Ġunju 2006, Dokter *et* (C-28/05, Ġabra p. I-5431, punt 75).

37 — Sentenza Eurofood (iċċitata iktar 'il fuq, punt 66).

62. B'mod partikolari, ir-restrizzjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq tista' tkun immotivata minn interess importanti sabiex ikunu ggarantiti ħidmet l-amministrazzjoni tal-ġustizzja pubblika u ġustizzja effettiva.

63. Il-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri kollha, fil-fatt, jipprovdu sanzjonijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-ordnijiet ġudizzjarji mogħtija fl-ambitu ta' proċeduri ċivili. Dwar dan l-aspett jiġbdu l-attenzjoni, ġustament, l-Istati Membri kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet waqt il-proċeduri. B'hekk, pereżempju, jekk ma jkunx hemm konformità mat-termini ffissati mill-qorti tista' tkun deċiża l-esklużjoni tas-sottomissjonijiet tardivi, jekk ma jkunx hemm tweġiba għal rikors jew jekk parti ma tippreżentax ruħha għal seduta jistgħu jwasslu għal sentenza mogħtija fil-kontumaċja u, fl-aħħar nett, jekk ma jiġux ippreżentati dokumenti mitluba, dan jista' jitqies b'mod sfavorevoli meta jiġu evalwati l-provi.

64. Barra minn hekk, diġà ġie enfasizzat kif, is-sempliċi fatt li s-sanzjoni applikata mill-qorti tal-Istat tal-oriġini mhix inkluża f'din il-forma speċifika fid-dritt proċedurali nazzjonali, ma jimplikax, *per se*, li jkun hemm ksur tal-ordni pubbliku [38].

65. Anzi, għandha tingħata importanza partikolari lill-kwistjoni jekk din il-kontumaċja forzata, fl-aħħar mill-aħħar kinitx proporzjonata jew jekk il-gravità tas-sanzjoni inkwistjoni, meta jiġu evalwati d-dettalji kollha tal-proċeduri fit-totalità tagħhom, kinitx manifestament sproporzjonata fir-rigward tar-rifjut sanzjonat ta' nuqqas ta' konformità mal-ordnijiet ġudizzjarji [39].

66. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-proporzjonalità bejn l-għan mixtieq, jiġifieri li jkunu ggarantiti proċeduri effettivi, u l-miżuri ta' sanzjoni adottati, huma partikolarment rilevanti s-suġġett tal-ordni ġudizzjarja sanzjonata u l-proċeduri tal-ħruġ tagħha, il-gravità tas-sanzjoni meta pparagunata mal-importanza ta' nuqqas ta' konformità mal-ordni, kif ukoll il-possibbiltajiet ta' rikors eżistenti.

67. L-esklużjoni sħiħa mill-proċeduri hija l-iktar sanzjoni gravi minħabba n-nuqqas ta' konformità ma' ordni ġudizzjarja u għaldaqstant dan jirrappreżenta l-limitu l-iktar gravi possibbli għad-dritt tad-difiża tal-konvenut. Il-ġustifikazzjoni ta' din ir-restrizzjoni għaldaqstant għandha jkollha rekwiżiti ferm rigorużi.

38 — Ara l-punt 35 ta' dawn il-konklużjonijiet.

39 — Anke l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħmel eżami tal-proporzjonalità meta trid tiddeċiedi rigward restrizzjonijiet għad-dritt tas-smigħ. F'dan il-kuntest, hija tivverifika jekk ikunx hemm ksur essenzjali tad-dritt, u jekk ir-restrizzjoni għandhiex għan leġittimu u hijiex proporzonata, ara esklussivament is-sentenza tat-28 ta' Ottubru 1998, Pérez de Rada Cavanilles vs Espagne, Reports of Judgments and Decisions 1998-VIII, punt 44.

68. Qabel kollox, jeħtieġ li jitqiesu d-diċitura u n-natura tal-ordnijiet ġudizzjarji li, f'dan il-każ, in-nuqqas ta' konformità tagħhom ġie sanzjonat bl-esklużjoni mis-smigħ fil-każ preżenti. X'kien qed jintalab jagħmel il-konvenut bl-ordnijiet ġudizzjarji? Kien hemm miżuri biex jitqiesu l-ostakoli kollha ta' fatt u ta' dritt għall-konformità ma' dawn l-ordnijiet? M. Gambazzi isostni, fil-fatt, li ma obdiex id-disclosure order l-iktar għaliex, li kieku għamel hekk, kien jikser is-sigriet professjonali li kien marbut bih bħala avukat u għalhekk seta' jiġi mfittex kriminalment. Il-ġustifikazzjoni li ta biex ma jippreżentax id-dokumentazzjoni mitluba, madankollu, ma ġietx ikkunsidrata bħala fondata mill-qorti Ingliża. Anzi, il-Gvern tar-Renju Unit osserva li l-qorti Ingliża eżaminat fil-fond il-motivi tal-ġustifikazzjoni ta' M. Gambazzi u eskludiet mill-obbligu tal-iżvelar dawk id-dokumenti li setgħu jwasslu biex M. Gambazzi jinkrimina lilu nnifsu minħabba t-twettiq ta' ċerti reati.

69. Ċirkustanzi ulterjuri jew rilevanti kienu jekk il-konvenut ingħatax id-dritt li jinstema' qabel ma ġiet adottata l-ordni ġudizzjarja u liema possibbiltajiet ta' difiża u ta' protezzjoni ġuridika kellu għad-dispożizzjoni tiegħu.

70. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari, il-kontenut u n-natura tal-esklużjoni mis-smigħ (debarment), kif ukoll is-sentenza li ngħatat f'kontumaċja. Rigward l-esklużjoni, ġie kkunsidrat jekk in-nuqqas ta' konformità mal-ordnijiet ġudizzjarji sarx b'negliġenza? L-ebda sottomissjoni ta' difiża kontra t-talba mressqa fil-kawża prinċipali ma ġiet ikkunsidrata, jew il-konvenut tħalla jippreżenta, f'fażi preċedenti tal-proċeduri, osservazzjonijiet dwar il-kawża prinċipali, jew dawn l-osservazzjonijiet ġew ikkunsidrati anki sussegwentement? Il-konvenut ingħata l-possibbiltà li jikkummenta almenu rigward l-ammont tat-talba? Saret evalwazzjoni rigward il-fondatezza qabel ma ngħatat is-sentenza f'kontumaċja, jew għall-inqas f'fażi preċedenti tal-proċeduri (qabel ma nħareġ il-freezing order)? Ġie indikat lill-konvenut li kien hemm l-eventwalità ta' sanzjoni?

71. Kif ġustament issostni l-Kummissjoni, huma partikolarment rilevanti x'garanziji proċedurali kienu disponibbli għal M. Gambazzi fl-Istat tal-oriġini biex jilmenta dwar il-ksur tad-dritt tiegħu li jinstema'. L-importanza tal-garanziji proċedurali f'każ li tkun iġġustifikata restrizzjoni tad-dritt ta' smigħ diġà ġiet enfasizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Eurofood [40]. Il-qorti tar-rinviju, għaldaqstant, għandha tevalwa jekk kienx hemm rimedji ġudizzjarji li setgħu jittieħdu kontra l-esklużjoni mis-smigħ u kontra s-sentenza li ngħatat sussegwentement.

72. Id-diskussjoni dwar jekk hux possibbli li jitqies li jkun hemm ksur tal-ordni pubbliku biss meta l-parti inkwistjoni tkun eżawriet ir-rimedji ġudizzjarji kollha disponibbli

40 — Sentenza Eurofood, iċċitata iktar 'il fuq, punt 66.

għaliha fl-Istat tal-oriġini biex topponi l-ksur lamentat tibqa' miftuħa. Ovvjament, in-nuqqas ta' rimedju ġudizzjarju ma jipprekludix il-possibbiltà ta' ksur tal-ordni pubbliku jekk dan ir-rimedju ma jidhirx li jipprometti suċċess. Din l-ipoteżi tkun iktar valida iktar meta l-ksur tal-ordni pubbliku jkun ibbażat fuq norma essenzjali tad-dritt proċedurali tal-Istat tal-oriġini, dritt li jibqa' wkoll il-bażi ta' sentenza anki fl-istanzi suċċessivi.

73. Jekk mill-kunsiderazzjonijiet li ssemmew iktar 'il fuq, speċjalment rigward id-domandi preliminari inkwistjoni, il-qorti tar-rinviju ssib li kien hemm sanzjoni, li fit-totalità tagħha, kienet sproporzjonata, hija tista' tqis li kien hemm ksur manifest tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq u tiċħad ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Istat tal-oriġini.

74. M. Gambazzi, fl-osservazzjonijiet ippreżentati fil-kuntest tat-talba għal deċiżjoni preliminari, isemmi wkoll li l-qorti Taljana għandha tapplika r-riżerva tal-ordni pubbliku anki għal tieni raġuni. Fil-kuntest tal-proċeduri quddiem il-qorti Ingliża, fil-fatt, huwa ġie miċħud mid-dritt li jara l-atti tal-kawża. Matul il-proċeduri, huwa afda d-difiża tiegħu lil avukat ġdid, u għal din ir-raġuni, l-avukati li kien qabbad qabel biex jiddefenduh, billi invokaw dritt ta' ritenzjoni minħabba li ma kienx għadu ħallas il-kont, ċaħduh milli jara l-atti tal-kawża. Il-qorti Ingliża, biex ma tippreġudikax id-dritt ta' ritenzjoni tal-avukati, min-naħa tagħha ċaħħditu mid-dritt li jara l-atti tal-kawża. Skont M. Gambazzi, l-imsemmija ċirkustanzi jirrappreżentaw raġuni oħra għaliex ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenza Ingliża li ngħatat sussegwentement fil-kawża prinċipali huma kontra l-ordni pubbliku.

75. L-ewwel nett għandu jiġi kkonstatat li l-qorti tar-rinviju ma għamlitx domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar din il-kwistjoni. M. Gambazzi madankollu qed isostni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu pożizzjoni anki rigward dan il-punt. Bħala regola, il-Qorti tal-Ġustizzja però hija obbligata li tistħarreġ biss id-domandi oġġetti tat-talba għal deċiżjoni preliminari li saru fid-digriet tal-qorti tar-rinviju. Ġeneralment, il-partijiet fil-kawża ma jistgħux jagħmlu domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja li ma jkunux diġà saru mill-qorti nazzjonali [41].

76. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja xorta tkun trid tistħarreġ din il-kwistjoni, tista' tirreferi għal dak li ngħad rigward id-domanda preliminari. Anki rigward dan l-aspett, il-qorti tar-rinviju tista' tirrifjuta r-rikonoxximent jekk issib li kien hemm ksur ta' norma tad-dritt meqjusa bħala essenzjali fis-sistema ġuridika tal-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza jew ta' dritt rikonoxxut bħala fundamentali fl-istess

41 — Sentenzi tad-9 ta' Diċembru 1965, Singer (44/65, Ġabra p. 1268, 1275); tas-17 ta' Settembru 1998, Kainuun Liikenne u Pohjolan Liikenne (C-412/96, Ġabra p. I-5141, punt 23); tat-12 ta' Awwissu 2008, Santesteban Goicoechea (C-296/08 PPU, Ġabra p. I-6307, punt 46); u tad-9 ta' Ottubru 2008, Katz (C-404/07, Ġabra p. I-7607, punt 37).

sistema legali. Ir-rifjut li tiġi rikonoxxuta sentenza ta' qorti barranija, b'hekk, ikun konformi mal-Artikolu 27(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell jekk iċ-ċaħda tad-dritt ta' spezzjoni tal-atti tal-kawża titqies bħala ksur manifest tad-dritt għal smigħ xieraq.

## V — Konklużjoni

77. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Corte d'Appello di Milano kif ġej:

L-Artikolu 27(1) tal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, kif emendata bil-Konvenzjoni tad-9 ta' Ottubru 1978 dwar l-adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, tal-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, bil-Konvenzjoni tal-25 ta' Ottubru 1982 dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika, bil-Konvenzjoni tas-26 ta' Mejju 1989 dwar l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża, u bil-Konvenzjoni tad-29 ta' Novembru 1996 dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju tal-Iżvezja, għandu jiġi interpretat bħala li l-qorti tal-Istat tal-eżekuzzjoni tista' tirrifjuta r-rikonoxximent ta' sentenza li ġiet adottata fi Stat Membru ieħor jekk din is-sentenza tkun ingħatat bi ksur manifest tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq.